# Il-Ħadd 17.03.2019

1. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn, 18/03 PM: Triq Santa Marija, Sqaq San Mikiel, Misraħ u Triq San Ġużepp, Triq San Franġisk, u Triq il-Puniċi
   - It-Tlieta, 19/03 PM: **Solennità ta' San Ġużepp** – ***Ma jsirx tberik***
   - L-Erbgħa, 20/03 PM: Triq San Pawl
   - Il-Ħamis, 21/03 PM: Triq il-Kenn
   - Il-Ġimgħa, 22/03 PM: *Ma jsirx Tberik*

2. It-Tlieta 19/03:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. L-Erbgħa 20/03:
   - Mit-8:00pm 'il quddiem: It-Tieni laqgħa tal-**Eżerċizzi għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ** bit-tema: *"Erfa' u sorr"*. Issir fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali.

4. Il-Ħamis 21/03:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

5. Il-Ħadd 24/03, **it-Tielet Ħadd tar-Randan**:
   - Il-Ġabra tkun waħda speċjali b'risq is-Seminarju.

6. Il-Ħamis 28/03:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru r-Redentur tal-Bażilika tal-Isla fejn ikollna Quddiesa, u wara Coffee Morning. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

7. Avviżi oħra:
   - Matul din il-ġimgħa l-katekisti tal-Museum Bniet ser ikunu qed jattendu l-Eżerċizzi spiritwali għalihom u b'hekk mhux ser ikun hemm lezzjonijiet tal-katekiżmu għall-bniet matul din il-ġimgħa.
   - Mill-15/07 sad-19/07, ser isisr il-Pellegrinaġġ annwali Djoċesan għal Lourdes li jiġi organizzat għall-morda. Min hu interessat jista' jibgħat email fuq info@umtal.org jew iċempel fuq 79226606.

8. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Il-Ħadd 24/03, mill-10:00am 'il quddiem f'Misraħ il-Knisja, *Law enforcement and First Responders Open Day* - Attività għall-familja kollha organizzata mill-Kunsill Lokali flimkien ma' *Simon Schembri Blue Light Foundation* bil-parteċipazzjoni ta' 10 entitajiet governattivi. Aktar informazzjoni mill-Kunsill jew minn fuq il-paġna tal-*facebook* tal-Kunsill stess.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 30 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi mill-qalb.